VERŻJONI ELETTRONIKA



*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,848, 30 ta' Diċembru, 2011*
*Taqsima B*

**A.L. 501 tal-2011**

## ATT DWAR L-IMPIEGI U R-RELAZZJONIJIET INDUSTRIJALI (KAP. 452)

### Ordni ta' Standard Nazzjonali ta' l-2011 dwar Żjieda fil-Paga għall-Impjegati

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 4 tal-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, il-Prim Ministru, fuq rakkomandazzjoni tal-Bord dwar ir-Relazzjonijiet dwar l-Impiegi, għamel dan l-ordni li ġej:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

**1.** It-titolu ta' dan l-Ordni hu Ordni ta' Standard Nazzjonali tal-2011 dwar Żjieda fil-Paga għall-Impjegati, u dan għandu jibda jseħħ fl-1 ta' Jannar, 2012.

Żjieda għall-għoli tal-ħajja

**2.** (1) Il-pagi ta' impjegati *whole-time* għandhom jiżdiedu b' €4.66 fil-ġimgħa.

(2) Ir-rata fis-siegħa ta' impjegati *part-time* għandha tiżdied bl-istess ammont taż-żjieda fir-rata fis-siegħa ta' impjegat *whole-time* komparabbli, ikkalkulata wara li tiġi inkluża iż-żjieda fil-ġimgħa speċifikata fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, jew fil-każijiet fejn ma jkun hemm ebda kategorija komparabbli ta'impjegati *whole- time* fil-post tax-xogħol, bir-rata fis-siegħa ta' impjegat *whole-time* komparabbli f'Ordni tal-Kunsill tal-Pagi li jirregola l-pagi li jkun japplika, jew fejn ma jkunx hemm Ordni tal-Kunsill tal-Pagi li jirregola l-pagi li jkun japplika, b'wieħed minn kull erbgħin tar-rata ta' żjieda kif speċifikat fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu.